31987L0489

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tat-22 ta' Settembru 1987

li temenda d-Direttivi 64/432/KEE u 72/461/KEE fir-rigward ta' ċerti miżuri; li jirrigwardaw id-deni tal-majjali

(87/489/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/231/KEE tas-7 ta' April 1987 li temenda, fir-rigward ta' ċerti miżuri li jirrigwardaw id-deni tal-majjali, id-Direttivi 64/432/KEE u 72/461/KEE [1], u partikolarment l-Artikolu 3 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposti mill-Kummissjoni [2],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [3],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [4],

Billi skond l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 87/230/KEE [5] il-Kunsill għandu jiddeċiedi partikolarment dwar il-miżuri neċessarji li għandhom jiġu implimentati mill-Istati Membri sabiex tiġi sodisfatta l-eradikazzjoni tad-deni klassiku tal-majjali fil-Komunita: billi dawn il-miżuri probabbilment ikollhom riperkussjonijiet fuq is-sett sħiħ ta' regolamenti Komunitarji adottati sad-data preżenti fir-rigward ta' problemi ta' politika tas-saħħa ta' l-annimali fil-kummerċ ta' annimali u laħam; billi sabiex tiġi garantita l-effettività ta' dawn il-miżuri, id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandhom jiġu emendati kif approprjat;

Billi d-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa ta' l-annimali li jaffetwaw kummerċ intra-Komunitarju f'annimali bovini u majjal [6] ddefinit il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti fir-rigward ta' deni klassiku tal-majjali minn majjali ħajjin intiżi għall-Kummerċ intra-Komunitarju;

Billi d-Direttiva tal-Kunsill 72/461/KEE tat-12 ta' Diċembru 1972 dwar problemi ta' saħħa li jaffetwaw il-Kummerċ intra-Komunitarju f'laħam frisk [7] tiddefinixxi l-kondizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti fir-rigward tad-deni klassiku tal-majjali minn laħam frisk tal-majjal intiż għall-kummerċ intra-Komunitarju;

Billi, bħala riżultat ta' programmi nazzjonali għall-eradikazzjoni tad-deni klassiku tal-majjali introdott fil-qasam ta' miżura Komunitarja, xi Stati Membri qerdu totalment il-marda u jistgħu jiddikjaraw li huma uffiċjalment liberi mid-deni klassiku tal-majjali; billi għandhom għalhekk jingħataw il-possibbiltà li jmantnu l-i*status* li huma akkwistaw u li jipprevjenu li terġa' tfaqqa' l-marda fit-territorju tagħhom billi jsaħħu salvagwardji li huma jgawdu fir-rigward tal-kummerċ fil-prodotti kkonċernati, in vista ta' l-effetti kuntrarji ta' din il-marda fuq il-produzzjoni ta' merħliet tal-majjali fuq l-introjtu ta' dawk li jaħdmu f'dan is-settur,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA

Artikolu 1

Id-Direttiva 64/432/KEE hija hawnhekk emendata kif ġej:

1. Fit-tmiem ta' l-Artikolu 2 (p), it-tieni inċiż, u (q), it-tieni subparagrafu, 'għal mill-inqas it-12-il xahar preċedenti' huwa miżjud.

2. Fl-Artikolu 4b (1) (ċ), ir-raba' u l-ħames linji, 'jaġixxi unanimament' huwa sostitwita b' 'jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata'.

3. L-Artikolu 4b (2) huwa sostitwit b' li ġej

"2. Dan l-Artikolu japplika sal-31 ta' Diċembru 1991. Il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Kunsill sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 1991 rapport dwar il-mod li bih is-sitwazzjoni żviluppat, partikolarment fir-rigward tal-kummerċ, akkumpanjat, fir-rigward tad-deni tal-majjali, minn proposti approprjati.

Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq dawn il-proposti sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1991."

4. Fl-Artikolu 7 (1)

— fil-punt (f) '31 ta' Diċembru 1988' huwa sostitwit b' '31 ta' Diċembru 1991

— fil-punt (g), ir-referenza għall-Artikolu 3 (3) (e) hija sostitwita b'referenza għall-Artikolu 3 (3) (d)

---

(1) ĠU L 99, tal-11.4.1987, p. 18.
(2) ĠU C 295, tal-21.11.1986, p. 5.
(3) ĠU C 76, tat-23.3.1987, p. 169.
(4) ĠU C 83, tat-30.3.1987, p. 3.
(5) ĠU L 99, tal-11.4.1987, p. 16.
(6) ĠU 121, tad-29.7.1964, p. 1977/64.
(7) ĠU L 302, tal-31.12.1972, p. 28.

Artikolu 2

L-Artikolu 13a tad-Direttiva 72/461/KEE huwa hawnhekk emendat kif ġej:

— fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, t-tielet linja, 'f' biċċeriji li fihom majjali mlaqqma' hija sostitwita b' 'f' biċċeriji li fihom majjali ġew imlaqqma fit-12-il xahar preċedenti

— fil-paragrafu 2, 'jaġixxi unanimament' huwa sostitwit b' 'jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata

— fil-paragrafu 3, l-ewwel u t-tielet subparagrafi, 'il-31 ta' Diċembru 1988' huwa sostitwit bil- '31 ta' Diċembru 1991

Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1988 u għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bihom minnufih.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula Brussel, it-22 ta' Settembru 1987.

Għall-Kunsill

Il-President

L. TØRNÆS